għall-ġid tal-Għaqda u tal-Malti, bħala President wara l-ewwel tnejn, li kienu l-mejjet Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Karm Psaitnejn, li kienu l-mejjet Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Karm Psaila—ukoll meta lill-Għaqda messet ix-xorti ħażina li taħdem taħt ċirkustanzi koroh ta' gwerra mill-għadu tal-Ġżira u mill-għedewwa ta' Lsienna. Is-Sur Chetcuti għalaq id-diskors tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Ħbieb, lill-ħabib tagħna, it-Tabib Galea, nifirħulu għas-suċċessi kbar li rnexxielu jikseb bla ebda influwenzi u imbuttar minn wara, u nixtiqulu ħajja twila u ħedma akbar filqasam imwiegħer, imma tassew sabiħ, tal-proża Maltija."

Fl-aħħarnett tkellem is-Sur Erin Serracino Inglott, magħruf bħala kittieb ta' proża u poeżija drammatika u lirika, fejn wara li huwa xxierek ma' sħabu tal-Għaqda fil-ħsieb u ferħ li fissru b'ġieh it-Tabib Galea, tkellem fuq il-merti tiegħu bħala President u kittieb ta' romanzi bil-Malti, u fisser ix-xewqa tiegħu, kif ukoll tal-qarrejja tal-Malti, li għad 'il quddiem naraw miktub mill-pinna tiegħu xi rumanz modern b'fond taż-żmien-jiet tagħna, li, kif jidhirlu, għad tkun waħda mill-opri li biha ismu jżid fil-fama ta' rumanzier Malti.

Ma għandniex għalfejn ingħidu li fost il-kumpannija ta' nies fuq il-mejda kien hemm membri tal-Għaqda, li bħala nies ukoll magħrufa fil-kamp tal-letteratura Maltija, dawn id-diskorsi apprezzawhom mhux ftit.

F'għeluq il-pranzu, fost dik il-laqgħa ta' membri u ħbieb, wasal bħala ħaġa li qajla sata' jistennieha ħadd, rigal mibgħut minn għand is-Sinjurina Mary Meylak, il-poetessa Għawdxija, billi ma setgħetx tiġi Malta minn Għawdex għal dak il-pranzu bħala waħda mill-membri tal-Għaqda. Dan ir-rigal, daqsxejn ta' dgħajsa ċkejkna ta' Għawdex mimlija, kif kienet tidher, bi ġbejniet ta' Għawdex. Il-għaġeb tal-membri sħabha u mistednin kien meta qasmuhom u sabu li kienu mimlijin bil-konfetturi ta' ħelu u lewż.

Il-pranzu għalaq b'konversazzjoni l-iktar hienja u familjari fost il-membri u mistednin li, wara li qamu minn fuq il-mejda, ma kellhomx il-ħajra jħallu lil xulxin għalkemm kien sar il-ħin li wieħed jitlaq biex imur ikompli n-nofs ta' nhar mal-familja jew ma' ħbiebu.

IT-TBERIK TAL-MEJDA TA' L-IKEL FIL-PRANZU F'ĠIEH IL-PRESIDENT TAL-GĦAQDA FL-"HOTEL PHOENICIA"

Tal-KAN. Ġ. M. FARRUGIA

Benedic, Domine nos, et haec tua dona quae de tua largit sumus sumpturi. Per Xtum Dnum nostrum. Amen.

Xerred fuqna, Mulej, il-Barka Tiegħek,
U għal dejjem marbuta żommna miegħek.
Biex dan l-ikel li tajtna u dan l-inbid,
Magħquđin iżommna b'ta' mħabba rbit.

U b'hekk dix-Xirka, li hi tassew Maltija,
Qatigħ toktor, tixtered u tkun mibnija
Mhux le f'fanatiżmu, 'ma fi rbit u mħabba
Ta' dik jew dak li f'ħoġor Malta trabba.

Għalhekk bierek f'dal-jum, lill-President
Għax jistħoqqlu; u kemm il-kumplament,
Li ma' dwaru bħal ħannieqa mdawrin,
X'ħin jifirħulu, jixtiqulu wkoll snin

Ta' risq, ta' saħħa u mogħdija 'l quđdiem
Fl-unuri, fil-qima u ġid bla tmiem.
Mela, bierek, Mulej, dan l-ikel tagħna
Biex b'aptit (bil-qies) kull wieħed jistagħna.
U noħorġu minn hawn ilkoll xebgħana!!